**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 738/2019 CFF**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Trevor Micallef)**
**vs**
**Roderick Grech**

**Illum 9 ta' Lulju 2020**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Roderick Grech, detentur tal-karta tal-identita' numru 554285(M)

Akkuzat talli, f'dawn il-Gzejjer nhar it-8 ta' Dicembru, 2019 ghal habta tal-ghaxra u nofs ta' fil-ghaxija, gewwa 15, Misrah il-Bjar, Zejtun u/jew fil-vicinanzi:

Volontarjament, hassar ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor ghad-dannu ta' Grazio Grech, Antonia Grech u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra liema hsara ma tiskorrix l-elfejn u hames mitt euro (2,500) izda hi aktar minn mitejn u hamsin euro (250). (Art. 325(1)(b) Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

Akkuzat aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ingurja jew hedded lil ommu Antonia Grech (Art. 222(1)(a), 202(h), Art. 339(1)(e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

Akkuzat aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi hebb kontra l-persuna ta' ommu Antonia Grech sabiex jingurjaha, idejjaqha jew jaghmlilha hsara (Art. 222(1)(a), 202(h), Art. 339(1)(d) Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

Akkuzat talli fit-8 ta' Dicembru, 2019 u fil-granet ta' qabel u aktar talli rrenda ruhu recediv ai tenur tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Akkuzat aktar talli kiser il-kundizzjonijiet imposti mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) – Magistrat Dr. Aaron Bugeja LL.D. li permezz tieghu huwa nghata l-helsien mill-arrest taht diversi kondizzjonijiet.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex flimkien mal-piena applikabbli ghall-imsemmija reat, tirrevoka 'contrario mperio' d-digriet tal-helsien mill-arrest u tordna r-ri-arrest tal-imsemmi Roderick Grech u s-somma ddepozitata ta' Euro1,500 u s-somma bhala garanzija personali ta' Euro 8,500 tghaddi f'idejn il-Gvern ta' malta.

Il-Qorti hi gentilment mitluba illi f'kaz ta' htija tipprovdi ghal garanzija ta' Grazio u Antonia Grech skont l-artikolu 383, 384, u 385 tal-Kap 9 tal-Kodici Kriminali.

Il-Qorti hija gentilment ukoll f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta' u protezzjoni ta' Grazio u Antonia Grech kif jidhrilha xieraq, bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta' u ghaz-zamma tal-ordni pubblika jew ghall-iskop ta' protezzjoni tal-persuna leza jew ta' individwi ohra minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza' ta' vjolenza skond l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur qara u kkonferma bil-gurament l-akkuzi fil-konfront ta' l-imputat fis-seduta datata 10 ta' Dicembru, 2019.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe', current incident report datat 8 ta' Dicembru, 2019 immarkat bhala Dok TM1, stqarrija rilaxxjata mill-imputat nhar id-9 ta' Dicembru, 2019 immarkat bhala Dok TM2, rinunzja ghad-dritt tal-parir legali mmarkat bhala Dok TM3, fedina penali mmarkata bhala Dok TM4, estratt mill-att tac-certifikat

tat-twelid immarkat bhala Dok TM5, kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' bi procedura sommarja mmarkata bhala Dok TM6, vera kopja ta' digriet u kundizzjonijiet ghal helsien mill-arrest datata 13 ta' Marzu, 2019 immarkata bhala Dok TM7

Semghet ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni u cioe' lil Antonia Grech, PS 816 Shawn Vassallo, PC 804 Leonard Formosa, PS 1227 Malcolm Pace u Grezju Mifsud.

**Antonia Grech**, tghid li l-imputat Roderick Grech jigi binha u ghalhekk ghazlet li ma tixhidx fil-konfront ta' binha.

**PS 816 Shawn Vassallo**, jghid li fit-8 ta' Dicembru, 2019 waqt li kien qieghed l-Ghassa ta' Birzebbugia, gie nfurmat mill-kollega tieghu mill-Ghassa taz-Zejun, li kellhom rapport ta' vjolenza domestika gewwa z-Zejtun. PS 816 mar fuq il-post fejn sab lil PC 779 u PC 26 mill-iskwadra tal-RIU u magenbhom kien hemm Roderick Grech. Kien hemm ukoll Antonia Grech, omm Roderick fejn din bdiet tghajjat li waqt li kienet qeghda d-dar, gie Roderick u kecciha l'barra. Antonia Grech marret ghand huha u peress li Roderick kien talab xi flus lil huha u dan irrifjuta, meta hi marret lura d-dar, sabet kullimkien imkisser u mgherraq. PS 816 spjega li hekk kif tidhol id-dar kien hemm il-kamra tas-sodda ta' Antonia Grech kollha mqallba. Jghid li l-bieba tal-gwardarobba kienet imkissra u anke l-fann kien imkisser. Fil-kcina sab il-fridge maqluba. Taht it-tarag kien hemm bicca ghamara ohra maqluba. Meta tela' fuq fil-kamra tas-sodda, sab television imkisser u l-kamra tas-sodda wkoll kienet imkissra. Huwa nnota li kien hemm anke l-ilma niezel minn kullimkien liema ilma kien qed jinzel mill-vit ta' taht is-sink li jinsab fil-kamra tal-banju.

**PC 804 Leonard Formosa**, ikkonferma li fuq l-istqarrija li ttiehdet lil Roderick Grech, gharaf il-firma tieghu, tal-Ispettur Trevor Micallef u ta' Roderick Grech.

**PS 1127 Malcolm Pace**, spjega li fit-30 ta' Novembru, 2019 huwa kien xoghol ta' bil-lejl l-Ghassa taz-Zurrieq izda kien qed ilahhaq id-distrett taz-Zejtun ukoll. Gie nfurmat mill-kollegi tieghu li kienu xoghol iz-Zejtun li certa Antonia Grech kienet qed titlob l-assistenza tal-pulizija stante li t-tifel taghha Roderick Grech kien qed itiha xi problemi.

Huwa gie nfurmat mill-kollega tieghu meta marru fuq il-post li dan Roderick Grech ma kienx qieghed fuq il-post u ghalhekk PS 1127 Malcolm Pace nizel huwa stess iz-Zejtun u kellem lil omm u missier Roderick Grech li dawn bdew jghidu li ma setax ikun jibqghu sejrin hekk stante li Roderick Grech kien qed jaqlaghlkom pandemonju. L-ghada ghal habta tat-3:00, PS 1127 Malcolm Pace rega' dahal ghax-xoghol u rega' gie missier Roderick Grech jilmenta li Roderick rega' mar id-dar ikisser l-affarijiet, fosthom fridge gdida u beda jaghti bil-hadid fuqha. PS 1127 jispjega illi kemm-il darba jittiehdu passi kriminali fil-konfront ta' Roderick Grech fuq rapport tal-genituri tieghu izda kif jitilghu l-Qorti, il-genituri tieghu jahfrulu. Inoltre, jispjega li fl-1 ta' Dicembru, 2019 missier Roderick Grech mar l-Ghassa u nforma lil PS 1127 li meta Roderick Grech ikun taht l-influwenza tax-xorb u sustanzi lleciti, ma jkunx jaf x'qed jghamel.

**Grezju Mifsud**, jigi z-ziju tal-imputat Roderick Grech fejn iddikjara li xtaq jahfer lil Roderick Grech u li ma xtaqx jixhed fil-konfront tal-istess Roderick Grech.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Illi x-xhieda li xehdu f'din il-kawza huma PS 816, PC 804 u PS 1127. Ix-xhieda Antonia Grech u Grezzju Mifsud gew ezentati milli jixhdu minn din il-Qorti kwantu qraba u membri tal-familja ta' l-imputat.

Ix-xhieda li xehdu kollha taw il-verzjoni taghhom liema xhieda hija kollha *hearsay evidence* u cioe' *detto del detto.* Illi huwa principju stabbilit fil-kamp penali li tali *hearsay evidence* hija inabbissibbli in kwantu prova ta' htija. Minn dak illi qalu PS 816 u PS 1127 jirrizulta li fil-maggor parti tax-xhieda taghhom din tikkonsisti f'rakkont ta' dak li qaltilhom Antonia Grech, PS 816 jghid li rrikorra fil-post u ra xi affarijiet imkissrin id-dar taghha. Dak li qalu l-parte leza lil dawn l-ufficcjali tal-Korp tal-Pulizija huwa *hearsay evidence* skond l-Artikolu 598 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, applikabbli ghal proceduri kriminali permezz ta' l-Artikolu 645 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk din il-Qorti mhux se tiehu qies taghha.

Madanakollu l-prosekuzzjoni tinsisti li kien hemm il-ksur tal-kundizzjonijiet tal-liberta provvizorja datata 13 ta' Marzu 2019. L-unika kundizzjoni li l-Qorti tista' ssib li seta' kien hemm ksur ladarba gie stabbilit fuq nuqqas ta' provi li ma kien hemm l-ebda reat, huwa l-fatt li PS 1127 jirrakkonta li dak in-nhar tat-30 ta' Noembru huwa hareg ifittex lill-imputat maz-Zejtun kollu fil-11:30pm. Wahda mill-kundizzjonijiet ghal helsien mill-arrest huwa li l-imputat jirrinkaza fid-9pm sas-6am, madanakollu l-istess Surgent ma jghidx li mar fir-residenza ta' l-imputat biex jikkonferma kienx qieghed id-dar jew le, jirrakkonta biss li l-kollegi tieghu qalulu li ma kienx qieghed id-dar u hu hareg jghinhom ifittxuh. Quddiem il-Qorti l-ebda membru fil-korp tal-pulizija ma jikkonferma li effettivament saret tfittxija fir-residenza ta' l-imputat u ma nstabx.

**Decide:**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti ma ssibx lill-imputat Roderick Grech hati ta' l-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu u ghalhekk tilliberah minn kull htija u piena.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**